Dun H. Scerri

# Fuq min nitfgħu l-ewwel ġebla?



*AF (Ħamrun): Spiss nisma' omeliji u programmi reliġjużi dwar kemm sirna sfaċċati, mhemmx misthija, xejn m'hu xejn, eċċ. Xi drabi ngħid li veru. Imma aħna qisna li l-uniku jew l-akbar dnub huwa biss fejn jidħol is-sess, fejn mara turi ċerti partijiet minn ġisimha.*

*Xi drabi nħoss li l-aktar nies li jgergru u jitkażaw huma nies li jew jistħu juru ġisimhom jew għadda żmienhom jew għax iħossu indinjazzjoni li meta kienu iżgħar ma kellhomx il-libertà li hawn illum.*

*Meta se nibdew nisimgħu – anki waqt l-omeliji – li huwa dnub kbir li sseksek fuq in-nies, li tiġġudikahom, li tgħid kontriehom, li tivvinta fuqhom, li tipprova teħodilhom dak li hu tagħhom, li bi kliemek tiżra' l-firda u s-suspetti?*

*Meta se nisimgħu li hu dnub kbir meta nieħu benefiċċji soċjali billi nigdeb u nieħu ġuramenti jew nimla formoli foloz? Meta se nisimgħu li ma tistax tqarraq fit-taxxa?*

*Meta se nibdew ngħidu ċar u tond li l-moħqrija ta' l-annimali hi dnub? Meta se nibdew nirreferu għall-qerda tal-kampanja bħala egoiżmu, sfruttar u ... dnub?*

*Hu sfaċċat u jagħmel dnub min jivvinta gwerra biex ibigħ l-armamenti, jew joħloq ferment kontra l-immigranti. Imissu jistħi min jipprova jakkwista hu, akkost li jiftaqar ħaddieħor. U mela għax tfajla kixfet iż-żokra jew libset il-bikini!*

*Jeħtieġ li fil-priedki nisimgħu mhux biss kliem sabiħ u ġeneriku, bħal "ejjew ħuti nagħmlu l-volontà t'Alla" jew "kemm iħobbna Alla!" Jeħtieġ li l-Knisja tkun aktar b'saqajha fl-art, titkellem ċar. Jeħtieġ li, bla ma tgħid li xejn m'hu xejn, tagħraf tpoġġi l-affarijiet fil-prijorità li jistħoqqilhom. U niftakru li darba ġie Xi Ħadd li għallimna biex ma nwaddbux aktar ġebel!*

Tweġiba:
AF għandu mitt elf raġun f'dak li kitbilna. Semma' ħafna kwistjonijiet li jmissu l-ħajja tagħna b'mod dirett u personali (firda, suspetti, ġuramenti foloz) u oħrajn ta' natura nazzjonali jew globali (ambjent, armamenti).

Fl-ispazju li għandna mhux possibbli nitkellmu dwar kull ħaġa li semma' AF. Minflok, se nipprova nagħti l-prinċipji li għandhom imexxuna fid-deċiżjonijiet li nieħdu u fl-atteġġamenti li nħaddnu.

Meta tiġbor dak kollu li qal AF, il-punt prinċipali li rridu nisħqu dwaru hija l-konsistenza: Jiena nisrani dejjem u kullimkien. Jien imsejjaħ biex nimxi f'kull każ fuq il-prinċipji u l-valuri li għallimni Ġesù. Inkella jiġrili bħall-Fariżej li kienu jirċievu l-kundanna ta' Ġesù, għax kienu inkonsistenti fit-twemmin tagħhom.



Alla żejjen lil kull wieħed minna bil-libertà – ħalaqna ħielsa. Tant iħobbna u jirrispetta l-libertà tagħna li saħansitra tana wkoll il-libertà li ngħidulu le, u nduru kontrih. Il-libertà li biha żejjinna Alla żgur li ma tfissirx li "nagħmlu li rridu". Tfisser li nkunu korretti fl-għażliet li nagħmlu. Jekk iddeċidejt li tagħti ħajtek lil Alla u tgħix b'fedeltà l-magħmudija li rċevejt snin ilu, dan jissarraf f'li tħobb. Ifisser tkun konsistenti fl-imħabba u l-imġiba korretta; u mhux fejn jaqbillek, tqabbel.

Li nħobb ifisser li nirrispetta l-ġisem tiegħi u ta' ħaddieħor, għax ġisimna hu tempju tat-Trinita' Qaddisa. Ġisimna qatt m'għandna nirriduċuh għal oġġett.

Li nħobb ifisser li ma nxerridx malafami jew kalunnji. Li nħobb ifisser li nirsisti għall-għaqda, kull fejn inkun (familja, ġirien, xogħol, għaqda, parroċċa, każin). Meta niżra' l-firda u l-inkwiet, inkun ħati ta' nuqqas kbir.

Li nħobb ifisser li nkun ġust fid-doveri tiegħi lejn l-Istat u s-soċjetà. Fi kliem ieħor, għandi nkun rett fid-dikjarazzjoni tat-taxxa. Anki jekk ħaddieħor jabbuża u jisraq, dan ma jiġġustifikax li jien nagħmel l-istess. Il-Katekiżmu jfakkarna li "m'hijiex ħaġa ġusta ma tħallasx il-kontribuzzjonijiet għas-servizzi soċjali, iffissati mill-awtorità leġittima" (para. 2436). Permezz tat-taxxi nkunu qed nagħtu sehemna għal ħafna affarijiet li nippretenduhom b'xejn (żamma ta' l-ordni fil-pajjiż, id-difiża, is-servizzi tas-saħħa, l-indafa fit-toroq).

Il-Katekiżmu jfakkarna: "Ma ninsew qatt li ma jistax ikun hemm strutturi ġusti, jekk ma jkunx hemm bnedmin li jridu jkunu ġusti" (2832). Li nieħu benefiċċju li mhux suppost nieħu, huwa serq. Li mmur nirreġistra, meta fil-fatt qed naħdem jew inċekċek xi ħaġa, hu serq u nuqqas ta' onestà.

Li nħobb ifisser li ngħid dejjem il-verità, anki jekk jista' jagħti l-każ li ma jaqbillix. Kull min jieħu ġuramenti foloz huwa ħati ta' dnub serju ħafna. "Tieħu ġurament jew taħlef ifisser issejjaħ 'il Alla bħala xhud tal-verità ta' dak li tgħid. Il-ġurament falz isejjaħ 'il Alla bħala xhud ta' gidba" (Katekiżmu, 2150-2151).

Li nħobb ifisser li nħares l-ambjent. Ma jfissirx biss li napprezza l-kampanja u l-wirt naturali, imma wkoll li ma narmix l-iskart fejn ġie ġie (anzi fejn possibbli nifred l-iskart); ifisser ma nagħmilx ħsara lis-sigar u fil-ġonna; li ma nniġġisx l-arja b'karozza li ma tkunx qed taħdem tajjeb; li ma nużax il-karozza bla bżonn. Min jaħqar l-annimali wkoll qed jonqos mill-imħabba lejn il-ġmiel tal-ħolqien ta' Alla.

*ikompli f'paġna 29*

Li nħobb ifisser li naċċetta lil kulħadd bħal ħija u oħti. Ifisser li ma nitkerrahx lejn persuna li għandha ġilda differenti minn tiegħi, u ma jkollix atteġġamenti negattivi lejn min sab kenn fostna.

Fuq livell aktar globali, in-nefqa enormi għall-armamenti huwa wkoll nuqqas, aktar u aktar jekk popli sħaħ jitħallew mingħajr il-meħtieġ biex jgħixu b'mod dinjituż.

Naqbel ħafna ma' AF li temi bħal dawn għandhom jissemmew fl-omeliji. Il-Kelma t'Alla hija indirizzata lill-bnedmin ta' kull żmien u kull sitwazzjoni, u għandha messaġġ attwali għal kull sitwazzjoni. L-eżempji li ssemmew illum huma biss ftit minn ħafna sitwazzjonijiet konkreti li aħna nħabbtu wiċċna magħhom.

Nagħlaq b'talba: "Mulej, agħtini l-grazzja, li l-imħabba tiegħi ma tkunx bil-kliem biss, imma tidher fl-imġieba kollha tiegħi. Għinni wkoll biex ma niqafx f'dak li suppost jagħmel ħaddieħor. Agħtini l-għajnuna biex inkun minn ta' quddiem li nagħti sehmi. Għinni nifhem li l-ħajja nisranija hija ferm usa' milli xi kultant naħsibha li hi".

*Il-Knisja dwar il-Globalizzazzjoni*

# Nagħtuha wiċċ uman

~~Wieħed mill-iżjed suġġetti diskussi bħalissa huwa l-globalizzazzjoni. Fi ftit kliem din ir-realtà fi żmienna timmanifesta ruħha fil-proċess mgħaġġel ta' integrazzjoni ekonomika megħjuna mis-swieq ħielsa, iċ-ċaqliq tal-kapital u l-investimenti, flimkien ma' l-iżvilupp qawwi fit-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u t-trasport.~~

~~Dwar il-globalizzazzjoni kulħadd jgħid tiegħu: il-politiċi, l-ekonomisti, il-ġurnalisti, is-soċjoloġi, l-għalliema, u l-bqija. Min jgħid li mn'Alla qegħdin ngħixu f'dinja waħda – villaġġ wieħed għax b'hekk infirxet il-paċi bejn il-ġnus – u min jisħaq li l-globalizzazzjoni ġabet magħha iżjed fortuna għall-ifortunat u iżjed sfortuna għal min huwa diġà mgħaffeġ f'faqartu.~~




*Squeezed huwa film dwar l-isfruttar ta' miljuni ta' nies f'pajjiżi fqar u kif dan [illegible]*